**Irrid ngħix**

Hija l-għajta ta' min jixtieq jgħix
Minkejja l-mewġa tat-tbatija,
Iħoss xorta għal min għandu jgħix
Avolja ruħu hi mifnija.

Dmugħ iġelben mal-ħaddejn, jolfoq
Il-bniedem li jara quddiemu,
Jinħattu swar kbar u qawwija
Iħoss li fil-qrib qegħdin jiemu.

Lil hinn mill-għagħa tal-kurżitajri
Is-sliem li tilma f'kull waqt tal-jum,
Għar-ruħ li tħares 'il fuq tfittex
Il-mistrieħ f'dik il-paċi li ddum.

O waqt preżenti mimli tama
Li fik biżgħat il-moħħ jistrieħu,
Int mimli b'Dak li hu, li jagħti
Faraġ lir-ruħ li tkun tixtiequ.

Int, hekk għani u mimli ħniena
Li b'sebħek taf tgħatti lis-smewwiet,
Ejja hawn, fija, u isqini
Is-serenità 'l hemm mill-inkwiet.

Ejja, għinni ngħix il-waqt t'issa
Fakkarni hemm hu sew nintreħa,
F'idejn Dak li għax tassew ħabbni
Fuq salibu għalija ntefa.

Ejja Mulej, agħtini l-kuraġġ
Biex fik nikber, nitfarraġ, għax tgħid,
Kull darba li nkellmek kemm nistrieħ
Tfakkarni fis-sejħa: Irrid ngħix.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.